# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Diċembru 2011

## li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tieħu l-Unjoni Ewropea fl-istanzi relevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-sħubija tal-Federazzjoni Russa fid-WTO

(2012/17/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), u 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'Ġunju 1993 il-Gvern tal-Federazzjoni Russa applika għas-sħubija fil-Ftehim ta' Marrakech li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), skont l-Artikolu XII ta' dak il-Ftehim.

(2) Fis-16 ta' Ġunju 1993, ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar lis-sħubija tal-Federazzjoni Russa sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-termini tas-sħubija aċċettabbli għall-Federazzjoni Russa u l-Membri kollha tad-WTO.

(3) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, innegozjat serje komprensiva f'dak li hu ftuħ tas-swieq u impenji regolatorji oħra min-naħa tal-Federazzjoni Russa li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Unjoni, huma konsistenti mal-objettivi tagħha u jikkonformaw mal-livell ta' żvilupp tal-Federazzjoni Russa.

(4) Dawn l-impenji huma issa mnaqqxa fil-Protokoll tas-Sħubija tal-Federazzjoni Russa mad-WTO.

(5) Is-sħubija tad-WTO mistennija tkun ta' kontribut pożittiv u fit-tul fil-proċess ta' riforma ekonomika u żvilupp sostenibbli fil-Federazzjoni Russa.

(6) Il-Protokoll tas-Sħubija għandu għalhekk jiġi approvat.

(7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jistabbilixxi d-WTO jipprovdi li għandu jintlaħaq ftehim dwar it-termini tas-sħubija bejn il-Membru li qed jissieħeb u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini tas-sħubija min-naħa tad-WTO. Il-Paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim li jistabbilixxi d-WTO jipprovdi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha għandhom jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

(8) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fl-istanzi relevanti tad-WTO, kemm jekk fil-Konferenza Ministerjali jew fil-Kunsill Ġenerali, dwar l-isħubija tal-Federazzjoni Russa mad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fl-istanzi relevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar lis-sħubija tal-Federazzjoni Russa fid-WTO, hija li tapprova s-sħubija.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi adottata.

Magħmul f'Ġinevra, l-14 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOGAJ